# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 29 ta' Settembru, 2016**

**Talba Nru: 720/2015/VG**

**Antonia ATTARD GIALANZE**

**Vs**

**Maria REED**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fit-2 ta' Settembru, 2015** u li permezz taghha talbet lill-intimata thallasha s-somma ta' erba' mija u ghoxrin euro [€420] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "It-Tribunal qieghed jintalab jikkundanna l-konvenuta sabiex tirrifondi l-attrici l-ammont ta' €420 rapprezentanti hlas zejjed li sar mill-esponenti lil konvenuta wara proceduri fl-ismijiet: "Maria Reed vs Antonia Attard Gialanze" (Talba Nru: 1016/09/DMA) deciza fl-14 ta' Marzu, 2012.

> Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta numru 1407/14 u l-imghax".

**Ra r-risposta tal-intimata minnha pprezentata fis-26 ta' Settembru, 2015** u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

> "Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana peress illi l-eccipjenti ma irceviet xejn minn dak lilha dovut".

Ra l-verbal datat 30 ta' Novembru, 2015 fejn it-Tribunal laqa' t-talba ta' l-Avukat Dottor Victor Bugeja, difensur ta' l-intimata, li jigu allegati ma' l-atti ta' din il-procedura il-process numru 1016/2009/DMA fl-ismijiet Maria Reed vs Antonia Attard Gialanza deciz fl-14 ta' Dicembru [recte: Marzu], 2012.

Ra l-verbal datat 22 ta' Frar, 2016 fejn ir-rikorrenti kienet inghatat zmien sabiex tharrek lir-rapprezentant tal-bank sabiex jigu esebiti c-*cheque images*.

Ra l-verbal datat 9 ta' Marzu 2016 fejn it-Talba regghet giet differita ghal ahhar darba sabiex jitharrek dan ir-rapprezentant tal-bank mill-intimata.

Ra l-verbal datat 27 ta' April, 2016 fejn id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi xi jressqu u irrinunzjaw ghal produzzjoni tar-rapprezentant tal-bank.

Ra l-verbal tal-11 ta' Lulju, 2016 fejn it-Talba giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ra d-dokumenti esebiti;

Semgha t-trattazzjoni;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti qeghda titlob minghand l-intimata l-hlas tas-somma ta' €420 rapprezentanti hlas zejjed li sar minnha lill-intimata wara l-proceduri fl-ismijiet Maria Reed vs Antonia Attard Gialanze (Talba Nru: 1016/09/DMA) deciza fl-14 ta' Marzu, 2012. L-intimata laqghat din it-Talba billi qalet li t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana peress illi l-eccipjenti ma irceviet xejn minn dak lilha dovut.

Ikkunsidra;

2. **Xehed l-Avukat Dottor Frank Cassar**, li wara li gie ezentat mir-rabta tas-sigriet professjonali mill-intimata Maria Reed, qal li xi snin ilu kienet marret tkellmu l-intimata li gharaf fl-Awla. Dan peress li hija kienet bieghet xi deheb lill-Antonia Attard Gialanze, r-rikorrenti odjerna, u dak in-nhar tal-bejgh, ir-rikorrenti kienet taghtha parti mill-hlas f'somma flus kontanti u cioe l-ammont ta' elf euro (€1,000) u l-bilanc ta' sitt mija wiehed u tletin euro (€631) kienu kitbuh fuq bicca karta bil-ghan li r-rikorrenti thallas lill-intimata dan il-bilanc. Huwa kien kiteb lir-rikorrenti biex thallas dan il-bilanc lill-intimata odjerna, izda din baqghet ma hallsietx tali ammont u ghalhekk saret kawza quddiem dan it-Tribunal fl-ismijiet Maria Reed vs Antonia Attard Gialanza (Talba Nru. 1016/09/DMA). Din l-ahhar kawza giet deciza fl-14 ta' Marzu, 2012.

   L-iskrittura privata bejn il-partijiet, skont l-Avukat Cassar kienet saret mir-rikorrenti odjerna minn rajha. Il-kawza quddie dan it-Tribunal diversament ippresedut kienet intrebhet mill-intimata odjerna, dak iz-zmien rikorrenti, bl-ispejjez b'kollox. Qal li wara s-sentenza

imbaghad kienu bdew isiru l-pagamenti, l-bicca l-kbira, tramite l-Avukat Dottor David Camilleri li kien jaghtih il-hlas u huwa imbaghad jghaddihom lill-klijenta tieghu. Qal li r-rikorrenti odjerna qatt ma taghtu xejn aktar minn dak li kien dovut. Qal "*is-six three one (631) plus it-taxxa*" (fol. 18). Id-dritt tieghu bhala avukat patrocinanti ta' l-intimata odjerna fil-kawza li giet deciza fl-14 ta' Marzu, 2012 kien ta' €151.38c. Jekk ma kienx sejjer zball qal li kien sar mandat. Fuq mistoqsija tat-Tribunal jekk huwa kienx johrog ricevuta meta kien isiru l-hlasijiet huwa qal li "*l-maggiorparti tal-hlasijiet kienu jsiru permezz ta' cekk u allura c-cekk minnu nnifsu huwa ricevuta*" (fol. 18).

3. **L-intimata** xehdet u qalet b'referenza ghall-kawza fl-ismijiet Maria Reed vs Antonia Attard Gialanze (Talba Nru. 1016/09/DM) deciza fl-14 ta' Marzu, 2012 li hija kienet tircievi "*l-pagamenti minghand l-Avukat tieghu* [recte: tieghi] *Dr Frank Cassar wara li dan kien jircievihom minghand l-Avukat ta' Attard Gialanze*" (fol. 19). Qalet li hi qatt ma rceviet flejjes aktar milli kien imissha skont is-sentenza ta' l-14 ta' Marzu, 2012. Ziedet tghid li l-intimata qatt ma taghtha pagamenti lilha, u li hi dejjem kienet tircevihom minghand l-Avukat Cassar. Ziedet tghid li l-pagamenti hija kienet tircevihom ftit ftit.

4. **Xehed l-Avukat Dottor David Camilleri**, li wara li gie ezentat mir-rabta tas-sigriet professjonali mir-rikorrenti Antonia Attard Gialanze, qal li huwa kien beda jassisti lir-rikorrenti odjerna fil-kawza li kienet saret kontriha mill-intimata odjerna fil-fazi finali ta dik il-kawza. Qal li dik il-kawza kienet giet deciza favur l-intimata odjerna u l-klijenta tieghu kellha thallasha l-ammont ta' €631 bhala sorte, imghax u spejjez. L-imghax, skont dik is-sentenza kien mid-data tal-prezentata tat-Talba. Qal li kien anke gie pprezentat mandat ta' qbid kontra l-klijenta tieghu minn Maria Reed. Zied ighid li fil-mori ta' dan il-mandat kien gie nominat kunsinnatarju u kienu gew elevati xi oggetti mill-hanut tal-klijenta tieghu. Wara li kienet giet deciza dik il-kawza,

l-klijenta tieghu kienet marret ghandu sabiex tibda taghmel xi pagamenti akkont u dan peress li hija ma setatx thallas kollox f'daqqa. Huwa fil-fatt esebixxa erba' (4) ittri, mmarkati bhala dok. DC 1 sa dok. DC 4, mibghuta minnu lill-Avukat Dottor Frank Cassar, li kien l-avukat ta' l-intimata odjerna, b'xi cekkijiet maghhom bhala pagament akkont. Esebixxa ukoll dok. DC 5 li kienet ittra mibghuta minnu lill-Avukat Cassar fejn wera s-sorpriza tieghu ghal fatt li kien gie pprezentat mandat kontra l-klijenta tieghu meta din kienet qeghda thallas il-pagamenti akkont. Zied ighid li ftit wara li kien sar dan il-mandat, l-klijenta tieghu ddecidiet li thallas l-bilanc dovut sabiex tkun tista tnehhi l-mandat u tiehu l-affarijiet li kienu gew elevati u mizmuma ghand il-kunsinnatarju. Huwa kien qalilha sabiex tmur il-Qorti halli tkun tista tiltaqa ma' l-Avukat Cassar jew il-prokuratur legali tieghu sabiex jaraw kemm kien ghad fadal bilanc biex b'hekk dan jithallas u jitnehha l-mandat. Hekk ghamlet u hu u r-rikorrenti kienu marru ghand il-Prokuratur Legali ta' l-Avukat Cassar, Daniel Aquilina, u dan, wara li kien gab il-kopja tal-mandat kien infurmahom li kellhu jithallas "*tant flus*" (fol. 22). Kompla qal li "*it-tant flus kienu s-sorte l-imghax u l-ispejjez fit-total taghhom*" (fol. 22). Huwa kien qal lill-prokuratur legali Daniel Aquilina li l-assistita tieghu kienet diga ghamlet xi pagamenti akkont lill-klijenta ta' l-Avukat Cassar l-ghaliex kien hu stess li kien baghatlu l-ittri b' xi hlasijiet akkont. Qal li l-prokuratur legali kien pprova jikkomunika ma' l-Avukat Cassar izda ma ftakarx jekk kienx kelmu jew le. Il-prokuratur Legali Aquilina kien qallu, kompla jghid ix-xhud, "*inutli ghax jiena biex inwaqqa l-mandat irrid l-ammont kollu*" (fol. 22). Zied ighid li tant riedet ir-rikorrenti Attard Gialanze li twaqqa dan il-mandat li huwa qalilha "*m'hemmx x'taghmel, hallas l-ammont kollu mbaghad naraw ftit, naghmlu s-sommom u naraw ftit x'hallast zejjed*" (fol. 22). Qal li l-assistita tieghu "*hallset kollox skont il-mandat l-imghax u l-ispejjez skont l-ammonti pretizi skont il-mandat u nhareg kontro-mandat u eventwalment hadet l-affarijiet lura*" (fol. 22). Ghalhekk sahaq l-Avukat Camilleri, l-pagamenti li saru akkont u li gew indikati bl-ittri

tieghu "*thallsu over and above l-ammont li ngabar meta nhareg il-mandat*" (fol. 22). Huwa esebixxa dokument iehor immarkat bhala dok. DC6 u cioe ittra datata 7 ta' Jannar, 2014 fejn huwa kien spjega lill-Avukat Frank Cassar dan l-ammont zejjed li thallas. Risposta ghal din l-ittra ma kienx hemm u wara giet intavolata din il-kawza.

Mistoqsi in kontro-ezami jekk il-prokuratur legali Daniel Aquilina kienx irilaxxa ricevuta ghal hlas ta' l-ammont li huwa kien ircieva ghan-nom ta' l-intimata odjerna, huwa qal li ma kienx jiftakar. Zied ighid li "*il-ftehim pero hekk kien li jithallas kollox, pero jiena ma bqajtx hemmhekk sa l-ahhar*" (fol. 22). Mistoqsi meta kien sar dan il-hlas da parti tar-rikorrenti, huwa qal li jimmagina li kien lejn l-ahhar tas-sena 2013 izda zgur qabel is-7 ta' Jannar, 2014 l-ghaliex hija d-data ta' l-ittra mmarkata dok. DC6. Mistoqsi jekk ghandux kopji tac-cekkijiet li gew annessi ma' l-ittri tieghu, l-Avukat Camilleri wiegeb li seta' jgib kopja mill-*internet banking*. L-ammont li thallas lil prokuratur legali Aquilina kien l-ammont indikat fil-mandat u cioe s-sorte, l-ispejjez u l-imghax.

Fis-seduta tat-28 ta' Jannar, 2016, l-Avukat Camilleri esebixxa ta' zewg mandati u zewg kontro-mandati li gew immarkati bhala dok. DC 7 sa DC 10 rispettivament. Qal ukoll li huwa kien ordna c-cekkijiet li kellhu jesebixxi u li semma fis-seduta precedenti.

Ikkunsidra ulterjorment;

5. Sfotunatament, ic-*cheque images* baqghu qatt ma gew esebiti f'din il-kawza minkejja d-diversi weghdi. Dawn kienu jkunu l-ahjar prova ta' xi thallas lill-intimata u min hemm wiehed seta jasal b'mod dettaljat ta' kemm hallset, jekk hallset, zejjed lill-intimata. Ghalkemm quddiem dan it-Tribunal, il-grad tal-prova huwa xi ftit differenti min dak ta' quddiem Qorti vera u proprja xorta jibqa l-obbligu fuq il-parti li

tallega fatt li tipprovah bl-ahjar mod li tista. F'dan il-kaz, it-Tribunal sejjer jaghmel referenza ghad-dokumentazzjoni esebita mill-partijiet.

6. Skont ma jirrizulta mid-dokumentazzjoni esebita jirrizulta li bis-sentenza datata 14 ta' Marzu, 2012 fil-kawza fl-ismijiet Maria Reed vs Antonia Attard Gialanze dan it-Tribunal kien ikkundanna lill-Antonia Attard Gialanze, ir-rikorrenti odjerna, sabiex thallas lill-Maria Reed, l-intimata odjerna s-somma ta' €631 bl-imghax mid-data tal-prezentata u cioe mill-4 ta' Dicembru, 2009 sal-pagament effettiv. L-ispejjez kollha ta' dik il-kawza kienu ukoll a karigu ta' Antonia Attard Gialanze.

7. Skont il-mandati esebiti jirrizulta li fil-31 ta' Mejju, 2012 kien gie ntavolat mandat ta' sekwestru minn Maria Reed bin-numru 1538/12 ghall-ammont ta' €1,046.27c u imbaghad fl-14 ta' Novembru, 2012 gie ntavolat mandat ta' qbid minn Maria Reed bin-numru 3056/12 din id-darba fl-ammont ta' €1,177.55c (fol. 32). Jidher li dan l-ahhar mandat gie esegwit fid-9 ta' Lulju, 2013 l-ghaliex l-Avukat Camilleri kien kiteb ittra lill-Avukat Cassar proprju f'din id-data u qal li "*ninsab sorpriz hafna illi llum gie ezegwit mandat fl-ismijiet premessi meta l-klijenta tieghi kienet qieghda thallas regolarment skont kif konna ftehmna*" (fol. 28). Dawn il-hlasijiet, it-Tribunal qieghed jifhem li huma referenza ghall-erba' ittri li l-Avukat Camilleri kien baghat lill-Avukat Cassar fejn kien hemm anness cekk ma kull wahda. Fl-ewwel ittra datata 30 ta' Jannar, 2013 ghalkemm hemm indikat li qieghed jintbaghat l-ewwel pagament, ma hemm indikat l-ebda ammont (fol. 24). Fit-tieni ittra datata 3 ta' April, 2013 intbaghtet ittra ohra u din id-darba hemm indikata s-somma ta' €140 (fol. 25). Fit-tielet ittra datata 11 ta' April, 2013 hemm indikat l-ammont ta' €70 (fol. 26) filwaqt li fl-ahhar ittra datata 12 ta' Gunju, 2013 hemm imsemmi l-ammont ta' €140 (fol. 27).

8. Fid-deposizzjoni tieghu, l-Avukat David Camilleri qal li wara i kien gie esegwit il-mandat ta' qbid u gew elevati xi oggetti minghand ir-rikorrenti odjerna, hija kienet iddecidiet li thallas il-bilanc dovut sabiex tkun tista tnehhi l-mandat u tiehu l-affarijiet li kienu gew elevati u mizmuma ghand il-kunsinnatarju. Huwa kien qalilha sabiex tmur il-Qorti halli tkun tista tiltaqa ma' l-Avukat Cassar jew il-prokuratur legali tieghu sabiex jaraw kemm kien ghad fadal bilanc biex b'hekk dan jithallas u jitnehha l-mandat. Hekk ghamlet u hu u r-rikorrenti kienu marru ghand il-Prokuratur Legali ta' l-Avukat Cassar, Daniel Aquilina, u dan, wara li kien gab il-kopja tal-mandat kien infurmahom li kellhu jithallas "*tant flus*" (fol. 22). Kompla qal li "*it-tant flus kienu s-sorte l-imghax u l-ispejjez fit-total taghhom*" (fol. 22). Huwa kien qal lill-prokuratur legali Daniel Aquilina li l-assistita tieghu kienet diga ghamlet xi pagamenti akkont lill-klijenta ta' l-Avukat Cassar l-ghaliex kien hu stess li kien baghatlu l-ittri b' xi hlasijiet akkont. Qal li l-prokuratur legali kien ipprova jikkomunika ma' l-Avukat Cassar izda ma ftakarx jekk kienx kelmu jew le. Il-prokuratur Legali Aquilina kien qallu, kompla jghid l-Avukat Camilleri "*inutli ghax jiena biex inwaqqa l-mandat irrid l-ammont kollu*" (fol. 22). Minhabba f'hekk u peress li r-rikorrenti odjerna riedet twaqqa dan il-mandat huwa qalilha "*m'hemmx x'taghmel, hallas l-ammont kollu mbaghad naraw ftit, naghmlu s-sommom u naraw ftit x'hallast zejjed*" (fol. 22). L-Avukat Camilleri qal ukoll li r-rikorrenti "*hallset kollox skont il-mandat l-imghax u l-ispejjez skont l-ammonti pretizi skont il-mandat u nhareg kontro-mandat u eventwalment hadet l-affarijiet lura*" (fol. 22).

9. Il-kontro-mandati relattivi saru, t-tnejn li huma, fis-17 ta' Lulju, 2013 u dawn gew akkordati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) skont ma jirrizulta mill-istess kontro-mandati "*stante pagament*" (ara fol. 65 u 71).

10. Fis-7 ta' Jannar, 2014 ir-rikorrenti, tramite l-avukat difensur taghha kienet kitbet lill-avukat tal-intimata odjerna u infurmah li l-assistita tieghu kienet hallset l-ammont ta' €420 zejda u talbet ir-rifuzjoni taghhom.

11. Illi l-azzjoni tar-rikorrenti fil-fehma tat-Tribunal giet ippruvata sal-grad mehtieg mil-ligi ghal konvinciment morali tieghu u ghalhekk, huwa sejjer jilqa t-talba taghha.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni mqanqla mill-intimata, qieghed jilqa t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement jikkundanna lill-intimata sabiex thallas lir-rikorrenti l-ammont ta' erba' mija u ghoxrin euro (€420) bl-imghaxijiet fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-data tal-prezentata tat-Talba odjerna u cioe mit-2 ta' Settembru, 2015 sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha huma a kariku tal-intimata.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**